**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Darryl Borg)**

**Vs**

**Wayne Falzon**

Kaz Nr: 408/2008

Illum 7 ta' Novembru 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Wayne Falzon, iben Raphael u Maria nee' Dalli, imwieled fit-30 ta' Lulju, 1985 u residenti 129, Triq Salvu Psaila, B'Kara, detentur ta' karta tal-identita' 3787585(M).

Talli fil-5 ta' Mejju 2007, xi hin wara nofsinhar f'Xatt it-Tiben il-Floriana, ikkommetta serq mill-fond Lo Squero Restaurant, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-€2,329 (Lm1,000) u li sar ghad-detriment tas-socjeta' Visage Electronics kif ukoll ta' Giovanni Salvatore Vittadello, Fabio Antonio, Sylvana u Patrick Ciantar;

Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' hsara fil-proprjeta' u makna tas-sigaretti (vending machine) ghad-dannu tal-imsemmi restaurant;

Talli wkoll fl-istess jum, ghall-habta tas-7.00pm, ikkommetta serq ta' hwejjeg minn gewwa l-hanut bl-isem Gas Jeans li jinsab fi Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, liema valur ma jeccedix l-€232 (Lm100);

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta li saru definittivi u li ma jistghux jigu mibdula u dan bi ksur t'artikoli 49 u 50 tal-Kap 9.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

1. Fl-artikoli 261(b)(c); 263(a), 264(1), 265, 266, 267, 278(2), 279(b), 280(2) u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 284 u 285 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 49, 50 u 51 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkommetta zewg serqiet fl-istess jum –l-ewwel wahda li twettqet fil-5 ta' Mejju 2007 wara nofsinhar minn gewwa Lo Squero Restaurant liema serq kien aggravat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-€2,329.23 kif ukoll li kkaguna hsara volontarja fuq vending machine; it-tieni serqa twettqet minn hanut Gas Jeans.

Mill-provi jirrizulta li meta s-sid tar-restaurant Angelo Vitadello u ibnu waslu r-restaurant raw karozza pparkjata vicin l-entratura sekondarja.

Meta Angelo Vitadello mar vicin ta' din l-entratura innota persuna niezla mit-tieni sular tar-restaurant igorr sports bag li kien jidher mimli u ra lil dan ir-ragel jirkeb il-karozza BMW ta' kulur iswed bl-ittri ta' Registrazzjoni VIP u harab minn fuq il-post. Huwa sab xi liquers neqsin, apparti li sabu li kien hemm xi affarijiet li tpoggew f'kaxxa biex jittiehdu. Huwa gharaf lill-akkuzat bhala l-persuna li harbet mir-restaurant. Ibnu Giovanni Salvatore Vitadello jixhed li wasal l-ewwel fir-restaurant, u beda jipprepara l-ikel. Dak il-hin huh dahal hdejh u qallu biex imur mieghu fuq billi kien qieghed jissuspetta li kien hemm xi persuna. Meta tela' fuq ma ra lil hadd imma kif nizel ra karozza ssuq quddiem l-entrata b'registrazzjoni numru VIP 932. Huwa ra wkoll is-sewwieq u gharfu bhala l-akkuzat u dan billi aktar kmieni wara nofsinhar mar jixtri pakkett sigaretti u juices. L-oggetti misruqa kienu 2 CD players, audio mixers li kienu mikrija u xi xorb b'dan tal-ahhar jiswew €550.

Is-sid tal-apparat elettroniku Roland Saliba, direttur tal-kumpanija Visage Sound Limited, ikkonferma li z-zewg cd players gew ritornati lilu mill-pulizija izda l-mixer le. Huwa pprezenta ricevuta[1] ta' dan l-apparat minn fejn jirrizulta li cd players jiswew €557 kull wiehed u l-mixer €896 b'total inkluz VAT €2,371.80. dwar ir-ritorn ta' parti mir-refurtiva fil-fatt gie kkonfermat minn PS 728 Brandon Borg imputat ikkopera bis-shih dwar dan.

Abbazi ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti tqis li l-ewwel imputazzjoni tinsab ippruvata hlief li kienet ikkwalifikata bil-mezz.

Illi l-imputat gie akkuzat ukoll li kkaguna hsara volontarja f'makna tas-sigaretti. Ghalkemm l-ufficjal investigattiv semmiha fix-xhieda tieghu, il-parte leza u ibnu ma semmewx dan il-fatt. Ghalhekk din l-imputazzjoni ma gietx ippruvata.

Inkwantu ghat-tielet imputazzjoni, Anthony Galea, manager tal-hanut Gas Jeans fi Triq ir-Repubblika tal-Belt Valletta xehed li fil-5 ta' Mejju 2007 ghall-habta tas-6.45p.m. insteraqlu jeans li kien jiswa madwar €110. Kien hemm persuna li dahlet 3 jeans fic-changing room u meta rritornhom lis-salesperson tah tnejn. Meta ingibditlu l-attenzjoni li kien hemm jeans nieqes il-persuna injorah u hareg il-barra. Ix-xhud waqqaf

[1] Dok RS a fol 97 tal-process

lill-persuna milli tohrog u qallu li jrid jirritorna l-jeans. Il-persuna li huwa gharaf bhala l-imputat offrilu biss €50 li ma kienx accettabli u kwindi l-imputat hareg il-barra bil-jeans.
Din it-tielet imputazzjoni ghalhekk giet ippruvata wkoll.

Inkwantu ghall-addebitu tar-recediva gew prezentati vera kopja fotostatika tal-original ta'zewg sentenzi moghtija fil-konfront tal-imputat billi l-konnotati huma identici bhal dak tal-imputat odjern wahda li inghatat fit-28 ta' Gunju 2002 fejn huwa gie kkundannat ghal sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin; u l-ohra li inghatat fil-konfront tieghu fis-26 ta' Frar 2004 huwa gie kkundannat ghal sitt xhur sospizi ghal perjodu ta' sena. Ghaldaqstant l-addebitu tar-recediva gie ppruvat ukoll.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura u l-gravita' tar-reati, il-fedina penali tal-imputat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fatt li parte mir-refutiva giet ritornata mill- istess. Tqis li l-imputat ghandu jinghata ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tieghu tad-droga u ghaldaqstant din il-Qorti se timponi ordni ta' probation.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tal-aggravju tal-mezz fl-ewwel imputazzjoni u ma ssibux hati tat-tieni imputazzjoni u minnhom tilliberah, wara li rat l-artikoli 17, 31, 49, 50, 261(c), 267, 279(b), 284 u 285 issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggih taht Ordni ta' Probation ghal zmien tlett (3) snin millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Inoltre' bl-applikazzjoni tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna l-hrug ta' ordni ta' trattament fil-konfront tal-imputat ghal zmien (3) snin millum skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat